



4.9.2015

DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea dwar in-negozjati
dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA)

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Viviane Reding

Introduzzjoni

Il-Parlament Ewropew għandu rwol deċiżiv fil-politika tal-UE dwar il-kummerċ. Mhux biss il-Membri tiegħu għandhom l-aħħar kelma fir-rigward tal-ftehimiet kummerċjali, iżda għandhom ukoll jiġu infurmati immedjatament u bis-sħiħ matul l-istadji kollha bil-proċedura tan-negozjati u bil-konklużjoni tal-ftehimiet kummerċjali, sabiex jeżerċitaw sorveljanza kontinwa fuq in-negozjati kummerċjali. Bil-għan li tfassal il-perkors tagħhom, din il-Kamra għandha d-dritt li tesprimi l-pożizzjoni tagħha matul il-proċess. Għaldaqstant, permezz ta' rapport ibbażat fuq l-Artikolu 108 tar-Regola ta' Proċedura 108, ir-rapporteur tixtieq tivvaluta l-ewwel sentejn u t-tnax-il ċiklu ta' negozjati dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA). Ir-rapport se jibni fuq l-ewwel riżoluzzjoni tal-Parlament ta' Lulju 2013, kif ukoll fuq id-dokument ta' ħidma preżenti, li jagħti informazzjoni ġenerali, il-pożizzjoni preliminari tar-rapporteur u jagħmel mistoqsijiet lill-partijiet li huma interessati li jagħtu kontribut.

1. Għaliex it-TiSA?

Il-Parlament Ewropew jeħtieġ li jagħti dehra pożittiva lit-TiSA.

1.1. Tishih tan-negozjati tad-WTO dwar is-servizzi

In-negozjati bdew f'April 2013 sabiex javvanzaw l-istall fit-taħditiet tad-WTO ma' pajjiżi li huma lesti li jagħmlu aktar progress fil-qasam tal-kummerċ fis-servizzi. B'mod ġenerali, il-partijiet tat-TiSA beħsiebhom jagħtu perspettiva ġdida lill-impenji għall-aċċess għas-suq u jsaħħu r-regoli internazzjonali f'bosta oqsma bħas-servizzi finanzjarji, diġitali u tat-trasport. Il-bażi ġuridika attwali, il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) imur lura għall-1995 u f'it li xejn sar progress minn dak iż-żmien. Għalhekk, dan il-ftehim plurilaterali attwalment qiegħed jiġi diskuss bejn 25 membru¹ tad-WTO, li jirrappreżentaw il-kontinenti kollha. Flimkien dawn jirrappreżentaw 70 % tal-kummerċ dinji fis-servizzi. Minkejja t-talba min-naħa taċ-Ċina sabiex tissieħeb, l-ebda pajjiż mill-BRICS (il-Brażil, ir-Russja, l-Indja u ċ-Ċina) mhuwa jieħu sehem fit-taħditiet s'issa. Madankollu, it-TiSA għandu l-għan li jkun fuq livell multilaterali ladarba jintlaħaq għadd kbir ta' pajjiżi. Dan il-ftehim huwa mfassal sabiex ikun kompatibbli mal-GATS sabiex jiżgura aktar integrazzjoni. **Għaldaqstant, TiSA tajjeb jista' u għandu jkun pass 'il quddiem lejn impetu mġedded fil-livell tad-WTO, mhux alternattiva għal governanza multilaterali.**

1.2. Kunsiderazzjoni tal-globalizzazzjoni, tas-servizzifikazzjoni (servicification), kif ukoll tad-diġitalizzazzjoni tal-kummerċ

Il-GATS għandu jiġi aġġornat sabiex jieħu kont ta' globalizzazzjoni, tas-servizzifikazzjoni kif ukoll tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomiji tagħna kif ukoll tal-kummerċ internazzjonali.

L-ewwel nett, il-globalizzazzjoni hija kkaratterizzata minn żieda dejjem akbar tal-kontenut f'importazzjonijiet tal-esportazzjonijiet, minn 20 % fl-2010 għal 40 % illum il-ġurnata, u minn

¹ Lista ta' parteċipanti fit-TiSA (fil-mument preżenti): l-Awstralja, il-Kanada, iċ-Ċili, iċ-Ċina, il-Kolombja, il-Costa Rica, l-UE, Hong Kong, l-Iżlanda, Iżrael, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, il-Liechtenstein, Mauritius, il-Messiku, New Zealand, in-Norveġja, il-Pakistan, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Iżvizzera, it-Turkija, l-Istati Uniti u l-Urugwaj.

internalizzazzjoni tal-katini ta' valur, li fihom l-beni u s-servizzi fornuti minn pajjiżi differenti huma assemblati fi prodott uniku.

It-tieni, is-servizzifikazzjoni jidher biċ-ċar permezz taż-żieda importanti ta' servizzi professjonali, tat-telekomunikazzjoni u tat-trasport, li għalihom il-manifatturi qegħdin dejjem aktar jirrikorru sabiex, rispettivament, ibaħħru fl-ambjent regolatorju ta' pajjiż barrani, jistabbilixxu konnessjonijiet adegwati bejn il-postijiet differenti tal-kumpanija u jaslu għand il-konsumaturi tagħhom li jinsabu barra minn pajjiżhom. B'75 % tal-kummerċ tas-servizzi jirrigwarda s-servizzi intermedjarji, is-servizzi huma fattur ewlieni għall-produzzjoni ekonomika kollha.

It-tielet, id-diġitalizzazzjoni tikkoinċidi mal-iżvilupp rapidu tal-Internet. Għal dawn l-aħħar għoxrin sena, l-għadd tal-utenti żdied minn 16-il miljun għal 2,7 biljuni. Il-flussi tad-data saru s-sinsla tal-ekonomiji tagħna u l-pedament tal-kummerċ internazzjonali, bl-istokk tad-data jirdoppja kull 20 xahar. Bħala riżultat ta' dan, l-ostakli għall-kummerċ fis-servizzi fl-Ewropa u lil hinn minnha ħafna drabi jimminaw il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea. **Għaldaqstant, TiSA tajjeb jista' u għandu jżid ir-reciprocity fl-aċċess tas-suq, u ma jikkonsolidax il-livell attwali ta' asimmetriji.**

1.3 Tiswir tal-globalizzazzjoni

Fid-dinja interkonnessa tal-lum, l-ostakli fiżiċi qegħdin dejjem aktar jiġu żarmati. Dan iqum il-flus għall-impriżi u mhuwiex sodisfaċenti għall-konsumaturi li dawn jiġu sostitwiti minn ostakli regolatorji bla bżonn. Filwaqt li d-dinja m'għandhiex konfini, ir-regoli wkoll għandhom ikunu mingħajr konfini. Il-kummerċ fis-servizzi jinsab fejn hemm l-ogħla potenzjal ta' tkabbir u l-akbar ostakli għall-kummerċ. Fis-snin li ġejjin, dawn iridu jitneħħew sabiex jinħasdu l-benefiċċji assoċjati. Sal-2050, l-Ewropa se tirrappreżenta 7 % biss tal-popolazzjoni dinjija, li jfisser tnaqqis mill-20 % fl-1950. Sal-2050, l-Ewropa se tirrappreżenta 15 % biss tal-PDG dinji, li jfisser tnaqqis mill-40 % fl-1900. Sal-2050, l-Ewropa la tista' tkun l-akbar ekonomija u lanqas l-akbar blokk kummerċjali fid-dinja. Sal-2050, jista' sempliċement ikun tard wisq biex jissawru r-regoli internazzjonali tal-ogħla livell. Qabel ma jseħħ dan, hija meħtieġa integrazzjoni ulterjuri bejn l-UE u s-sħab tagħha. Il-kooperazzjoni hija l-uniku mezz ta' kif il-pajjiżi jistgħu jikbru aktar milli huma tassew. Il-kooperazzjoni hija l-uniku mezz ta' kif il-pajjiżi jistgħu jilhqnu kundizzjonijiet ekwi globali ta' kompetizzjoni sabiex jirnexxu f'dinja konnessa b'netwerks. **Il-kooperazzjoni hija l-uniku mezz ta' kif il-pajjiżi jistgħu jkunu dawk li jistabbilixxu l-istandards, minflok dawk li jadattaw għall-istandards. Għaldaqstant, TiSA tajjeb jista' u għandu jwassal għal regolamentazzjoni internazzjonali aħjar, mhux li jnaqqas il-valur tar-regolamentazzjoni nazzjonali.**

2. Kif nimxu fit-triq tat-TiSA?

Il-Parlament Ewropew jeħtieġ li jiċċara d-dehra mtappna tat-TiSA.

2.1. Rikonoxximent tad-dritt sovrani ta' kull Parti li tirregola

Il-qafas għan-negozjati dwar it-TiSA huwa maqsum fi tliet partijiet.

L-ewwel parti, imsejħa t-test ewlieni, tirrifletti d-dispożizzjonijiet orizzontali u l-prinċipji

ġenerali inklużi fil-GATS. Hija tkopri wkoll eċċezzjonijiet trasversali u rikonoxximent espliċitu tad-dritt għar-regolamentazzjoni.

It-tieni parti hija magħmula minn kalendarju ta' impenji ta' kull Parti, li tikkonsisti f'impenji dwar l-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali ("offerti"). Tal-ewwel jirrigwarda l-ftuħ ta' settur speċifiku għall-kompetizzjoni barranija Tal-aħħar tirrigwarda l-obbligu li l-fornituri tas-servizzi jkunu ttrattati mhux inqas favorevoli mill-fornituri tas-servizzi nazzjonali. Il-parteċipanti qablu dwar approċċ ibridu sabiex jelenkaw l-impenji tagħhom, permezz ta' lista pożittiva għall-aċċess għas-suq u lista negattiva għat-trattament nazzjonali. It-TiSA jistabilixxi wkoll klawsoli ta' sospensjoni ("standstill clause") u ta' aġġustament predefinit ("ratchet clause"), li japplikaw biss għat-trattament nazzjonali u mhux għall-aċċess għas-suq, u li għandhom l-għan li jirriflettu rispettivament il-prattiki attwali u jipprojbixxu l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet futuri li jmorru lil hinn mill-impenji attwali. **Permezz tal-limitazzjonijiet u tal-eżenzjonijiet, kull Parti żżomm id-dritt sovrani li tagħżel liema settur tiftaħ għall-kompetizzjoni barranija, sa liema punt u jekk tapplikax jew le dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet.**

It-tielet parti tinkludi kapitoli regolatorji, li jistabilixxu dawn ir-regoli komuni u jiffissaw standards għall-forniment transkonfinali ta' servizzi għal setturi speċifiċi, u li jkopru, tipikament, kwistjonijiet bħal proċeduri ta' konċessjoni ta' liċenzji u ta' kwalifika, l-indipendenza tar-regolaturi, il-proċessi għall-awtorizzazzjoni għall-aċċess għus-suq, dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni, u dwar l-aċċess mhux diskriminatorju għan-netwerks. F'dan l-istadju tan-negożjati, ġew proposti 17-il kapitoli regolatorji mill-parteċipanti kollha ta' TiSA, li jinkludu s-servizzi finanzjarji għat-telekomunikazzjonijiet, il-kummerċ elettroniku, it-trasport, il-kwalifiki professjonali, Mode 4, is-servizzi tal-konsenja, fost oħrajn; madankollu, huwa mistenni li fl-aħħar mill-aħħar mhux il-kapitoli kollha proposti se jkollhom l-appoġġ komuni meħtieġ sabiex jiġu inklużi fil-qafas tal-Ftehim finali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi. Għalhekk, ma hemm xejn maqbul s'issa u xejn mhu maqbul sakemm kollox ikun miftiehem mill-Partijiet kollha. **Għaldaqstant, TiSA tajjeb jista' u għandu jiproteġi b'mod xieraq setturi sensitivi tal-UE mill-kompetizzjoni barranija, inkluż dawk li huma partikolarment ta' valur għaċ-ċittadini tal-UE.**

2.2. Rispett tar-rwol tal-Parlament Ewropew fin-negożjati kummerċjali

Kif minqux fit-Trattati, il-Kummissjoni Ewropea tinnegożja t-TiSA għan-nom tal-UE abbażi tal-istruzzjonijiet mogħtija mir-rappreżentanti tal-Istati Membri (mandat) u tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew dwar il-progress tan-negożjati. Huwa deplorevoli li l-mandat tal-Kunsill ta' Marzu 2013 ingħata qabel ir-riżoluzzjoni tal-Parlament u kien jinkludi tassew ftit rakkomandazzjonijiet. Wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2014, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjoni ddeċieda li jistabilixxi grupp ta' monitoraġġ sabiex iżid l-involviment tal-Parlament Ewropew f'dawn in-negożjati. Ir-rwol ta' dan il-grupp ta' monitoraġġ huwa li jikseb informazzjoni mill-Kummissjoni kif ukoll jinfluwenza l-ħidma tan-negożjaturi tal-UE. Din il-kanal ta' komunikazzjoni bilaterali huwa ta' importanza kbira sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà. Fl-aħħar mill-aħħar, l-eżitu tan-negożjati dwar it-TiSA se jkun soġġett għall-iskrutinju pubbliku qabel ma jitpoġġa għall-votazzjoni fil-Parlament Ewropew, li għalhekk għandu l-aħħar kelma. **Għaldaqstant, TiSA tajjeb jista' u għandu jkun monitorjat, influwenzat u approvat minn dawk li jfasslu l-politika li huma eletti demokratikament.**

2.3. Parteċipazzjoni taċ-ċittadini

It-trasparenza hija indispensabbli sabiex telimina s-suspetti. Għall-ewwel darba fil-politika tal-UE dwar il-kummerċ, fit-22 ta' Lulju 2014 il-Kummissjoni ppubblikat fuq is-sit web tagħha ħames dokumenti dwar it-TiSA, inkluż tliet testi ta' negozjati, li jinkludu l-kalendarju inizjali ta' impenji tal-UE. Hija tellgħet online ukoll informazzjoni dwar fiex jikkonsisti t-TiSA. F'Marzu 2015, il-Kunsill iddeklassifika l-mandat għat-TiSA. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew jorganizzaw regolament konsultazzjonijiet pubbliċi ma' NGOs, gruppi tal-konsumaturi, assoċjazzjonijiet tal-industrija u partijiet interessati oħra, bħas-seduti ta' smiġh pubbliku organizzati mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali fl-24 ta' Frar. Peress li dan jikkorrispondi għall-ogħla appell għat-trasparenza li qatt kien hemm fir-rigward tal-politika tal-kummerċ, għandhom jitkomplew l-isforzi ta' dialogu u komunikazzjoni. Il-fatti għandhom jipprevalu fuq il-finzjoni sabiex in-negozjati jieħdu d-direzzjoni t-tajba fl-interess Ewropew. **Għaldaqstant, TiSA tajjeb jista' u għandu jkun miftuħ għas-sħab soċjali, għas-soċjetà ċivili, għar-rappreżentanti tal-impriżi u għaċ-ċittadini sabiex jiġi żgurati li huma jifhmu x'inhu jsir, min qiegħed jagħmel xiex, u sabiex huma jħossuhom li jistgħu jinfluwenzaw l-andament ta' dawn in-negozjati.**

3. Liema tip ta' TiSA?

L-UE teħtieġ tipprijoritizza t-TiSA.

3.1. Adozzjoni ta' approċċ ibbilanċjat għall-kummerċ fis-servizzi

Fid-dibattitu politiku attwali, li hu maqsum bejn dawk li huma favur il-linji ħomor biss u dawk li jopponu kwalunkwe linja ħamra, hemm lok għat-tielet triq. Bejn ottimiżmu sfaċċat u tixrid ta' biża, ultraliberalizmu u protezzjoniżmu, hemm lok għal pragmatiżmu. Bejn ftehim kumplessiv u tmiem definitiv għan-negozjati tat-TiSA, l-approċċ bilanċjat għandu jipprevali. Il-kapitoli regolatorji jkopru firxa wiesgħa ta' setturi (ara hawn fuq). Jiddependi mill-kompetittività u mis-sensittività tas-settur, il-pendlu tal-politika dwar il-kummerċ tal-UE għandu jsib bilanċ bejn il-ftuħ tas-swieq għall-kompetizzjoni u l-protezzjoni mill-kompetituri esterni. **Għaldaqstant, TiSA tajjeb jista' u għandu jagħti aktar drittijiet lill-konsumaturi f'pajjiżhom u jippreżenta inqas ostakli għall-impriżi barra minn pajjiżhom.**

3.2. Garanzija ta' aċċess reċiproku għas-suq għall-kumpaniji tal-UE barra minn pajjiżhom

Il-Kompetizzjoni dinija għandha tkun skont ir-regoli u mhux għar-regoli.

L-ewwel u qabel kollox, ir-reċiproċità hija essenzjali. In-negozjaturi tal-UE għandhom ifittxu aċċess ogħla għas-swieq barranin, u mhux jassumu impenji unilaterali lil hinn mill-livell attwali ta' ftuħ. Għandhom ikunu fil-mira dawk il-partijiet tat-TiSA, li jew m'għandhomx negozjati għal ftehim ta' kummerċ ħieles mal-UE (l-Awstralja, Hong Kong, Iżrael, it-Tajwan, New Zealand, il-Pakistan, il-Paragwaj, l-Urugwaj) inkella li għandhom tassew ftit impenji fis-servizzi (iċ-Ċili u t-Turkija). L-Ewropa hija l-post fejn l-ostakli għall-kummerċ fis-servizzi huma l-aktar baxxi. Tradotti ftariffi ekwivalenti, dawn l-ostakli jammontaw għal 6 % tal-prezz ta' servizz. B'paragun ma' pajjiżi oħra, jikkorrispondu għal 15 % għall-Kanada, 16 % għall-Ġappun, 25 % għall-Korea t'Isfel, 44 % għat-Turkija u 68 % għaċ-Ċina.

Minkejja dan il-livell għoli ta' asimmetrija, l-UE tibqa' l-akbar esportatur ta' servizzi, b'24 %

tas-sehem dinji u b'bilanċ kummerċjali favorevoli ta' EUR 170 biljun fl-2013. Madankollu, huwa inaċċettabbli li kumpaniji barranin ikunu jistgħu jikkompetu mal-impriżi tagħna fit-territorju tal-UE, filwaqt li tagħna sempliċement ma jistgħux ifornu s-servizzi tagħhom għas-swieq barranin. Ikun ukoll inaċċettabbli jekk kumpaniji barranin ma għandhomx għalfejn jirrispettaw l-istess rekwiżiti regolatorji meta dawn ifornu s-servizzi tagħhom lill-konsumaturi tal-UE.

It-tieni, kompetizzjoni aktar ġusta għandha tipprevali fuq ġirja globali lejn l-iktar livell baxx. Bl-iżvilupp tal-Internet u l-futur tat-printers tridimensjonali, ir-riskju ta' arbitraġġ regolatorju qiegħed jiżdied. Minflok, huwa meħtieġ kument ekwu globali, b'hekk kull kumpanija tkun fuq l-istess livell.

It-tielet, il-konsumaturi tal-UE għandhom jingħataw benefiċċji tanġibbli, kemm meta jsiefru kif ukoll meta jixtru online. **Għaldaqstant, TiSA tajjeb jista' u għandu jkun dak li jiftaħ is-suq barra mill-pajjiż u jagħmilha ta' xibka ta' sikurezza għaċ-ċittadini f'pajjiżhom.**

3.3. Ħolqien ta' xibka ta' sikurezza għaċ-ċittadini tal-UE f'pajjiżhom

Filwaqt li firxa wiesgħa ta' opportunitajiet isaħħu dawn in-negozjati, bosta sfidi jistgħu jdgħajfuhom.

L-ewwel nett, il-mudell kulturali u soċjali Ewropew tagħna m'għandux jiddgħajjef. Is-servizzi pubbliċi u l-kultura, li l-protezzjoni tagħhom hija minquxa fit-trattati tal-UE, mhumiex għall-bejgħ. Dawn l-elementi prezzjużi radikati fid-DNA tal-Ewropa. Minbarra riżerva orizzontali, li tipprevedi li s-servizzi ta' utilità pubblika jistgħu jkunu soġġetti għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklużivi mogħtija lill-operaturi privati, l-UE ma tassumi l-ebda impenn fir-rigward tas-settur awdjoviżiv, tat-trasport bl-ajru (ħlief fir-rigward ta' servizzi tal-groundhandling u tal-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru) u tas-servizzi pubbliċi, bħall-edukazzjoni u s-saħħa pubblika. Filwaqt li t-test tan-negozjati juri r-rieda politika tal-UE li teskludi b'mod ġenerali s-servizzi pubbliċi, din tista' tingħad b'mod aktar ċar u sempliċi, u b'inqas ambigwi ta' permezz ta' klawsola ta' riferiment (gold-standard clause).

It-tieni, id-drittijiet fundamentali tagħna m'għandhomx jiġu diskussi daqs li kieku kienu ostakli għall-kummerċ. Pereżempju, id-dritt għall-privatezza tad-data u għall-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti huma sorsi ta' tkabbir ekonomiku. Dawn mhumiex negożjabbli.

It-tielet, id-dritt għar-regolamentazzjoni għandu jinżamm kompletament. F'bosta setturi, l-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura. F'oħrajn, dan id-dritt huwa limitat għal miżuri mhux diskriminatorji. Il-kummerċ għandu jkun dwar il-kummerċ, u mhux dwar limitu għall-għażliet demokratiċi. **Il-mudell politiku, soċjali u kulturali tagħna huwa preġju u mhux piż. Għaldaqstant, TiSA tajjeb jista' u għandu jkun immexxi mill-prinċipji fundamentali minquxa fit-Trattati tal-UE, kif meħtieġ mill-Artikolu 21 tat-TUE.**

Konklużjoni

It-TiSA la jista' jiġi kkunsidrat bħala panaċea iżda lanqas bħala saħta qabel ma jiġi ffinalizzat. Minflok, il-Parlament Ewropew għandu jaħdem b'mod kostruttiv u pragmatiku biex in-negozjati għat-TiSA jkunu aktar pożittivi, ċari u prijoritarji, sabiex jiġi żgurat li

jintlaħaq ftehim tajjed fl-interess tal-kumpaniji kif ukoll tal-konsumaturi Ewropej. **It-TiSA se jkun ibbilanċjat jew mhux se jkun.**

Għal dan l-għan, ir-rapporteur tixtieq tisma' r-rakkomandazzjonijiet tagħkom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin. X'għandhom ikunu l-oġġettivi ewlenin tal-UE fit-TiSA? L-UE kif tista' tiżgura parteċipazzjoni usa' f'dawn id-diskussjonijiet? X'għandu jkun il-perimetru ta' dawn in-negozjati?